MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 703/2003

**CIVILI – PRIM’AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-6 ta’ Mejju 2004**

**Citazzjoni numru 703/2003GC**

**Carmel u Mario ahwa Cutajar**

**vs**

**Joseph Borg u Kevin Borg, f’isimhom propju u esercenti l-kummerc bl-isem K J Commercials**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi fl-14 ta’ Lulju 1999 l-attruri xtraw u akkwistaw minghand il-konvenuti Coles Supertruck 830 kif jirrizulta mill-annessa skrittura markata Dok A;

Illi dan l-ingejnu kellu jkun komplut skond l-ispecifikazzjonijiet li jirrizultaw mill-anness Dok B, liema dokument il-konvenut ikkonsenjaw lill-atturi;

Illi ghalkemm l-atturi hallsu l-prezz kollu miftiehem, il-konveuti kkonsenjaw lill-atturi l-ingenju nieqes mill-‘flyjib’ li huwa indikat bl-isfar fit-tielet pagna tad-Dok B;

Illi l-konvenuti kienu interpellati kemm bonarjament kif ukoll permezz ta’ ittra ufficjali biex jikkonsenjaw l-istess ‘flyjib’ izda baqghu inadempjenti;

Illi l-ingenju in kwistjoni kien akkwistat mill-atturi in konnessjoni man-negozju taghhom u bil-fatt li huma privati mill-‘flyjib’ qed igarrbu pregudizzju u danni;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1 tiddikjarahom unikament inadempjenti fil-konfront tal-atturi meta naqsu milli jikkonsenjaw lill-atturi l-‘flyjib’ tal-Coles Supertruck 830 li l-atturi xtraw u akkwistaw minghandhom fl-14 ta’ Lulju 1999;

2 tikkundannhom ‘in solidum’ sabiex jaghtu pussess lill-atturi tal-‘flyjib’ li baqa’ ma kienx konsenjat meta dawn xtraw u akkwistaw minghandhom l-Coles Supertruck 830 fl-14 ta’ Lulju 1999;

3 tiddikjarahom unikament responsabbli ghad-danni li l-atturi garrbu bhala konsegwenza tan-nuqqas ta' konsenja tal-imsemmi 'flyjib';

4 tillikwida d-danni tal-atturi occerrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5 tikkundannahom 'in solidum' sabiex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 2003 u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 2003, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifkata lill-konvenuti proprio et nomine li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u naqsu li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u b'hekk baqghu kontumaci;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur Mario Cutajar minn jeddu;

Semghet lid-difensur tal-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2004;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati. Difatti jirrizulta li l-atturi, li qeghdin fin-negozju tax-xoghol tal-bini, kienu akkwistaw minghand il-konvenuti l-

“crane” in kwestjoni u meta dan gie lilhom konsenjat kien hemm xi partijiet minnu li kienu neqsin. Dawn il-partijiet kienu dawk li jissejjhu l-“manual” u l-“fly jib”. Jirrizulta li l-atturi hallsu l-prezz kollu inkluz ghal-imsemmija zewg partijiet. Wara li ghadda certu zmien il-konvenuti kkonsenjaw l-“manual” pero naqsu li jikkonsenjaw l-imsemmija parti l-ohra. Din il-parti hi essenzjali peress li hi l-ahhar parti tal-crane u fix-xoghol tal-atturi hemm bzonn li jintuza t-tul kollu tal-crane sabiex l-istess crane jigi sfruttat bl-ahjar mod. Minhabba f’hekk kien hemm okkazzjonijiet meta l-atturi kellhom jikru “fly jib” jew cranes ohra. B’kollox kien hemm seba’ (7) minn dawn l-okkazzjonijiet u b’kollox ghal kiri relattiv l-atturi hallsu is-somma ta’ Lm644. Jirrizulta inoltre li l-valur ta’ “fly jib” li jista jintuza mill-atturi mal-crane in kwestjoni huwa ta’ Lm845;

In vista ta’ dan kollu ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli talli naqsu li jikkonsenjaw il-partijiet kollha tal-ingenju in kwestjoni u ghalhekk huma ukoll responsabbli ghall-eventwli danni konsekwenzjali. Dawn id-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta’ elf erba mija u disa u tmenin liri maltin (Lm1489) kwantu ghas-somma ta’ Lm845 bhala l-valur tal-parti li ma gietx konsenjata u kwantu ghal Lm644 ghal-kiri tal-istess parti jew kiri ta’ cranes f’dawk l-okkazzjonijiet meta dan kien necessarju;

Mhux il-kaz li tigi deciza t-tieni talba peress li din tirrizulta sorvolata in vista tal-fatti kif rizultanti. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici;

In vista ta dan kollu u ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet attrici u tiddikjara l-konvenuti inadempjenti fil-konfront tal-atturi meta naqsu milli jikkonsenjaw lill-atturi l-‘flyjib’ tal-Coles Supertruck 830 li l-atturi xtraw u akkwistaw minghandhom; tiddikjara l-konvenuti unikament responsabbli ghad-danni li l-atturi garrbu bhala konsegwenza tan-nuqqas ta’ konsenja tal-imsemmi ‘flyjib’; tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta’ elf

erba mija u disa u tmenin liri maltin (Lm1489) u tikkundanna l-konvenuti ‘in solidum’ bejnithom sabiex ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta’ Lm1489 in linea ta’ danni;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti in solidum

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------